MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru. 565/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**KONTRA**

**GODWIN SPITERI ta’ 44 sena, iben Carmel u Rose nee’ Delia, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-08.08.1965, residenti fil-fond 5, Triq Gann Frangisk Abela, Birgu, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 2174M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **GODWIN SPITERI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-05.05.2008 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew/u akkwistati b’reat, u cioe’ crane winch, sew

jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

2. U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li ma' l-istadju ta' l-interrogatorju Godwin Spiteri wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi lilu dedotti, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat f'dan ir-rigward il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal tali proceduri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjonijiet kollha.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Ramon Cassar, fuq informazzjoni li nghata minghand l-agenti tas-serq tal-winch, baghat ghall-imputat li ammetta li l-winch kien qieghed ghandu, pero li kien bil-hsara. Spiteri qallu li kien xtara l-istess winch minghand Spiteri u Cassar. Qallu lill-Ispettur illi xtrah versu l-prezz ta' Lm70.00. Fl-istqarrija minnu rilaxxata lill-istess Spettur, Godwin Spiteri qal illi ghalkemm kien jaf lil Horace Cassar, pero ma kienx jaf fuq xiex kien il-habs - dan ghaliex Spiteri jghid illi kien f'divizjoni ohra.

Mistoqsi mixtri bis-sewwa l-winch kemm kien jiswa, wiegeb illi kien jahseb li jiswa madwar Lm200.00 - dan nonostante li tieghu Cutajar talbu mitt Lira Maltin u hu tah u giet accetteta s-somma ta' Lm70.00. Jghid ukoll fl-istqarrija li C Cutajar urieh il-winch minn go bagoll tal-karozza, anzi li waqqfu l-istess Charles Cutjar li kien qieghed isuq vettura biex joffrilu dan il-winch. Zied fl-istqarrija li Cutajar halla l-winch fit-triq wara li l-imputat tah il-flus. Zied jghid ukoll illi kien meta ha l-winch minghand il-habib tieghu li skopra li l-istess winch ma kienx jahdem.

Mistoqsi jekk staqsiex lil Charles Cutajar dwar il-provenjenza tal-winch - cioe’ kienx misruq, wiegeb illi ma kienx interessa ruhu jekk kienx misruq jew le.

Xehed Malcolm Caruana ghal Vassallo Builders dwar il-valur tal-winch misruq, circa Lm300.00.

Ikkunsidrat:

Illi kif ben qal l-abbli Avukat Difensur, il-Ligi taghna fir-reat ta’ ricettazzjoni trid ix-xjenza tal-provenjenza illecita ta’ l-oggett mertu ta’ tali reat – ghalhekk ix-xjenza ta’ Spiteri li kien f’dan il-kaz qed jakkwista l-winch li kien prodott ta’ azzjoni llegali. Issa minn dak li qal l-istess Spiteri, accetta li l-winch xtrah minn go bagoll ta’ vettura, thalla lilu f’nofs ta’ triq, accetta li kien jiswa madwar Lm200.00 u hadu ghall-prezz ta’ Lm70.00. Senjali l-fatt illi Spiteri sar jaf illi l-winch ma kienx jahdem darba li hadu ghand siehbu, mhux meta kien qieghed jikkontratta l-prezz. Fil-fat mix-xhieda ta’ Malcolm Caruana jirrizulta li l-winch misruq kien ghand Vassallo Builders - il-proprjetarji vera, funzjonanti.

Ikkunsidrat:

Illi certament ic-cirkostanzi madwar din it-transazzjoni ta’ bejgh, huma tali li jwasslu persuna ta’ livell normali li tahseb hazin fil-provenjenza ta’ tali ghodda. Winch mixtri fis-sew, certament ma johrogx minn bagoll u jithalla f’nofs tat-triq.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssib htija tar-reat ta’ ricettazzjoni, u dan wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Ma ssibx htija fil-konfront ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li l-identita’ ma giex pruvata.,

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali ta’ l-imputat, gia’ refrattarja;
Rat l-Artikoli 334, 261, 267, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Qieset illi Godwin Spiteri ghandu ghalhekk ibaghti piena karcerarja effettiva u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------